TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 17/14/ MS**

**Elizabeth u Anthony Joseph Cutajar**

**vs**

**KNK Airconditioner Co. Ltd.**

Illum 24 ta' Novembru 2014,

It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet fuq premessi tal-24 ta' April 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni tas-somma ta' €1,200 wara li kienu xtraw *airconditioning unit* minghand is-socjeta' intimata, billi allegaw li kien difettuz mill-bidu nett u li baqa' difettuz nonostante diversi tentattivi biex dan jissewwa u/jew jinbidel.

Wara li ha konjizzjoni tar-risposta tas-socjeta' konvenuta tal-14 ta' Mejju 2014, li fiha s-socjeta' intimata ssottomettiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra illi fl-ewwel dehra, u cjoe' fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, deher biss l-attur u t-Tribunal, wara li ha nota tar-rikors ghal differiment tas-socjeta' intimata pprezentat dak in-nhar stess, iddifferixxa l-kawza ghas-7 ta' Lulju 2014.

Ra illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2014, rega' deher biss l-attur li pprezenta dikjarazzjoni guramentata u sett ta' dokumenti. Is-socjeta' konvenuta, msejha tlett darbiet ma dehritx u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ra illi fit-23 ta' Lulju 2014 is-socjeta' intimata reghet intavolat rikors fejn talbet li t-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u jiddiferixxi l-kawza ghal data u hin iehor sabiex is-socjeta' intimata tkun tista' tipproduci l-provi taghha u propju biex id-direttur u r-rapprezentant tas-socjeta' intimata, li sa dak in-nhar kien jinsab rikoverat fl-isptar Mater Dei, jkun jista' jixhed.

Ra d-digriet tat-Tribunal tat-28 ta' Lulju 2014, fejn it-Tribunal rega' laqa' t-talba tas-socjeta' intimata u ddiferixxa il-kawza ghas-6 ta' Ottubru 2014 fis-1.00pm.

Ra illi fil-31 ta' Lulju 2014, is-socjeta' intimata giet notifikata bid-digriet u ghalhekk kienet taf bis-seduta.

Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, ma deher hadd ghas-socjeta' intimata u deher biss ir-rikorrenti mhux assistit.

**Ikkunsidra;**

Illi permezz tad-dikjrazzjoni mahlufa tar-rikorrent Anthony Cutajar tas-7 ta' Lulju 2014, huwa rega' kkonferma l-versjoni moghtija minnu fl-avviz, li huwa kien xtara *airconditioning unit* minghand is-socjeta' intimata bil-prezz ta' €1,200, li kien gie installat f'Ottubru 2012 u li dan il-*unit* kien difettuz mill-bidu nett. Nonostante diversi tentattivi biex dan jitranga, dan baqa' difettuz. Huwa cempel lill-kumpanija diversi drabi li weghduh li kienu ha jibghatu *technicians* minn barra pero' dawn qatt ma gew. Eventwalment huwa kellem lil certu Matthew Chetcuti li jahdem fi hdan il-MCCAA li kkomunika ma' Karl Vella Petroni, l-manager tal-kumpanija KNK, u waslu ghal ftehim li ha jinghata *unit* kompletament gdid. Pero' dan il-ftehim eventwalment sfaxxa fix-xejn.

Illi r-rikorrenti esebixxa sett ta' dokumenti li kienu jinkludu kopja fotostatika ta' zewg pagamenti illi huwa kien ghamel permezz ta' *bank transfer* u permezz ta' cekk. Effettivament huwa kien hallas l-ewwel €200.00 bhala depozitu akkont tal-ammont kollu fit-30 ta' Awwissu 2012 - (Dok A), u hallas il-bilanc ta' €1,000 fl-1 ta' Settembru 2012 (Dok B). Ir-rikorrent esebixxa wkoll kopja tal-garanzija datata 29/10/12, (Dok D) kif ukoll numru ta' emails mibghuta lill-kumpanija dwar l-ilment in kwistjoni.

**Ikkunsidra**

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata, ghalkemm deplorabbli, ma jfissirx illi t-Tribunal m'ghandux jixtarr dak li huwa mitlub u kemm hu gustifikat. Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-iskambju ta' korrispondenza numeruza bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata huwa prova cara illi ri-rikorrenti tassew xtraw dan il-*unit*, hallsu ghaliha '*in full*' u li mill-bidu nett tathom problemi.

Illi jidher car ukoll mill-korrispondenza illi r-rikorrenti gharfu lis-socjeta' intimata b'dawn il-problemi mill-bidu nett, li min-naha taghhom ghal darba jew izjed accettaw li jirrangaw dan il-*unit*. B'danakollu izda, il-*unit* xorta baqa' difettuz, tant li r-rikorrenti bezghu juzawh.

Illi iktar minn sena wara, u cjoe' fil-25 ta' Frar 2014, is-socjeta' intimata regghet accettat li tbiddel dan il-*unit* kompletament - (ara l-email datat Tue - 25 Feb 2014 mibghut minn Karl Vella Petroni lil Lisa Chetcuti) pero dan il-ftehim falla meta missier Karl Vella Petroni oggezzjona ghal dan, u minn dak in-nhar sallum, baqa' ma sar xejn. (Dok D).

Illi meta wiehed jifli l-korrispondenza kollha, jidher bla dubju illi kien hemm hafna dewmien min-naha tas-socjeta' intimata u kien hemm diversi okazzjonijiet meta r-rikorrenti sabuha difficli hafna biex jaghmlu kuntatt mas-socjeta' intimata.

Illi l-garanzija tkopri perjodu ta' sentejn.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm kienet notifikata bl-avviz odjern, is-socjeta' intimatat baqghet ma dehritx biex titfa' dawl fuq din-it-talba u biex taghti l-verzjoni taghha u ghalhekk il-verzjoni tar-rikorrenti - li hija kreddibbli u attendibbli - ma giet kontradetta bl-ebda mod.

Illi t-Tribunal jista' jisimpatizza mal-frustrazzjoni tar-rikorrenti, wara li kellu l-opportunita' jinnota huwa stess in-nuqqas ta' rispett illi s-socjeta' intimata wriet anke lit-Tribunal, meta hadd mis-socjeta' intimata ma attenda , imqar ghal seduta wahda, nonostante li t-Tribunal laqa' kull wahda mid-diversi talbiet ghal differiment li ghamlet is-socjeta' intimata.

**Ghal dawn il-motivi,**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess qed jilqa' it-talba tar-rikorrenti u jordna r-rifuzjoni tal-prezz fis-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200) lir-rikorrenti, bid-dritt tas-socjeta intimata li tiehu lura l-*airconditioning unit a* spejjez taghha mill-fond fejn huwa installat, u dan mhux aktar tard minn tlett gimghat mill-pagament hawn ordnat, bil-preavviz ta' 48 siegha lir-rikorrenti ghal dan l-iskop. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti, jesebixxu formalment, taht l-Awtorita' ta' dan it-Tribunal, l-imsemmi *airconditioning unit* a spejjez tal-intimat. Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**